MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2006

Numru 27/2003

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Victor Pace**

**Il-Qorti**:

**1.** Dan hu appell interpost kemm mill-verdett (riferibbilment ghall-ewwel kap) kif ukoll mis-sentenza migjub 'l quddiem minn Victor Pace. L-imsemmi Pace kien akkuzat, permezz ta' Att ta' Akkuza presentat fil-Qorti Kriminali fil-31 ta' Ottubru 2003, illi *"...fil-hamsa (5) ta'*

*Awissu tas-sena elfejn (2000) ghall-habta tas-sitta ta' filghaxija (6 pm) [huwa] mar hdejn ir-residenza ta' Christopher Zarb fi Triq il-Lampara, Bahar ic-Caghaq, minhabba kwistjoni familjari rigwardanti l-mara ta' l-istess Zarb. L-istess Victor Pace spara arma tan-nar (senter) fid-direzzjoni ta' Cristopher Zarb u dana dolozament bil-hsieb li joqtol lil Chistopher Zarb jew li jqieghdlu l-hajja tieghu f'perikolu car, izda fortunatament Christopher Zarb ma ntlaqatx peress li rnexxielu jisgicca"* – ghalhekk b'tentattiv ta' omicidju volontarju, u dana fl-ewwel kap ta' l-imsemmi Att ta' Akkuza. Fit-tieni kap, imbaghad, kien akkuzat talli fl-istess gurnata, lok, hin u cirkostanzi *"…kellu f'idejh u fuqu arma tan-nar (senter) u munizzjon minghajr id-debita licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija"* b'mod li sar hati *"…talli minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija kellu fil-pussess jew kontroll tieghu jew kellu f'idejh jew fuqu xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu"* u ghalhekk bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

**2.** Il-guri beda nhar it-Tnejn 23 ta' Jannar 2006. Fil-25 ta' Jannar 2006 il-gurati hargu b'verdett maggoritarju (dwar l-ewwel kap) ta' sebgha bi tnejn ta' mhux hati skond l-ewwel kap (jigifieri ta' tentattiv ta' omicidju volontarju) izda *"hati ta' tentattiv t'offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Christopher Zarb, b'arma regolari."* Il-gurati sabu lil Pace unanimament hati skond it-tieni kap tal-imsemmi Att ta' Akkuza.

**3.** Is-sentenza tal-Qorti Kriminali, moghtija dak in-nhar stess li l-gurati taw il-verdett taghhom, u li nghatat wara li dik il-Qorti semghet x'kellhom xi jghidu kemm il-hati kif ukoll l-Avukat Generali, tghid hekk fil-parti relevanti taghha:

"Tiddikjara ghalhekk lil Victor Pace mhux hati skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza izda hati talli fil-5 t'Awissu 2000, ghall-habta tas-6.00 p.m., gewwa Triq il-Lampara, Bahar ic-Caghaq, minghajr il-hsieb li joqtol persuna jew li jpoggilha hajjitha f'periklu car, izda bil-hsieb li jikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Christopher Zarb, b'arma regolari, spara l-istess arma w b'hekk wera dana l-

hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu, w dana kif kompriz u involut fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;

"Tiddikjara lil Victor Pace hati talli fil-5 t'Awissu, 2000, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tieghu jew kellu f'idejh jew fuqu xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu, w dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza.

"Semghet ix-xhieda tal-mara tal-hati Rita Pace li qalet li r-relazzjonijiet bejnha w bejn zewgha fil-prezent kienu tajbin;

"Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur Dr. Anglu Farrugia w is-sottomissjonijiet minnu maghmula w tal-abbli prosekutur Dr. Anthony Barbara dwar il-piena ;

"Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni llum stess u li d-difiza hadet konjizzjoni taghha;

"Qieset is-sottomissjonijiet **<u>kollha</u>** tad-difiza li jinsabu registrati w senjatament, izda mhux biss, is-segwenti w cioe:

1. illi l-verdett tal-gurati fuq l-ewwel kap kien biss ta' sebgha kontra tnejn;
2. li r-reat gie kommess f'element ta' rabja da parti tal-hati w tensjoni bejn zewg familji li jigu minn xulxin;
3. li dan kien incident familjari w l-familja tal-hati baqghet maqghuda minkejja illi r-reat gie kommess kontra hu l-mara tal-hati w ghalhekk is-sentenza ma kellix isservi biex issawwar il-mibeghda bejn iz-zewg familji;
4. illi l-hati huwa l-"bread winner" tal-familja;
5. li l-kondotta tal-hati ma kienitx wahda inkwetanti w ghajr ghal xi reati tat-traffiku w reati zghar ohra, ma kien hemm xejn serju w ma kienx jidher li l-hati inghata xi "chances" ohra mill-Qrati;

6. illi ghar-rigward tat-tieni kap, li gie ammess mill-hati, l-minimu tal-piena kien wiehed ta' xahrejn prigunerija;
7. li l-parametri tal-piena kienu jippermettu li l-Qorti taghti sentenza ta' prigunerija sospiza w ghalhekk talab illi din il-Qorti, fl-applikazzjoni tal-piena, tapplika dan il-provvediment.

"Qieset is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni:

1) illi r-reat li tieghu instab hati Victor Pace kien jinvolvi l-uzu tal-armi w ta' certu comb u ghalhekk kien jimmerita piena severa b'sentenza ta' habs immedjat;
2) Mill-verdett tal-gurati issa rrizulta li l-hati kien spara apposta biex ikorri lil Christopher Zarb;
3) Li s-socjeta' ma' kellhiex tinghata messagg li incidenti bhal dawn jistghu jigru qisu ma gara xejn. Ghalhekk talab li tinghata piena karcerarja effettiva.

"Ikkonsidrat:

"Illi wara li qieset dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, din il-Qorti rat illi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 41 dwar it-tentattiv u l-Artikolu 17(b) kif ukoll l-Artikolu 31 tal-Kodici Kriminali, l-parametri tal-piena komplessiva f'dan il-kaz ghaz-zewg reati li nstab hati taghhom Victor Pace ivarjaw minn minimu ta' xahrejn prigunerija ghall-massimu ta' erba' snin prigunerija.

"Illi minkejja li l-isfond tal-incident li fih gew kommessi dawn iz-zewg delitti kien wiehed li beda minn dissidju bejn zewg familji li jigu minn xulxin, il-kwistjoni ma baqghetx wahda interna w familjari imma zviluppat fi sparatorja stil tal-***"Wild West"*** f'nofs ta' triq imdawwra b'abitazzjonijiet ta' haddiehor u fejn gie sparat tir b'comb aktar qawwi w ohxon minn tas-soltu fid-direzzjoni ta' persuna bl-intenzjoni li tigi kkagunata offiza ta' natura gravi.

"Dan it-tip ta' agir li, fortunatament f'dan il-kaz, ma kellux konsegwenzi aktar tragici, ma jista' jigi qatt kondonat mill-Qrati li ripetutament irritenew li ***"l-vjolenza ghandha, bhala regola generali, dejjem iggib maghha l-piena ta' prigunerija b'effett immedjat, aktar u aktar fejn***

***jintuzaw armi”*** *w li* ***“mhuwiex inoltre tollerabbli li f’socjeta’ civili persuna ggorr arma fuqha kontra l-ligi – hi x’inhi r-raguni.”*** (App. Krim. **Ir-Repubbllika ta’ Malta vs. Noel Mizzi** [15-12-2005] u ohrajn).

“Ghalhekk l-insenjament tal-oghla Qorti fil-kamp penali huwa li f’dawn il-kazijiet m’ghandhiex tinghata sentenza ta’ prigunerija sospiza imma wahda effettiva w immedjata.

“Ghaldaqstant wara li rat l-Artikoli 215, 216, 217, 41(1)(a), 31(1)(b)(vii)(viii)(xii)(xiii)(xiv), 23(1),17(b) u 533 tal-Kodici Kriminali (Kap. 9), u l-Artikoli 2, 3(1A), 19 u 27 tal-Kap. 66, tikkundanna l-hati Victor Pace ghal piena ta’ tlettin xahar (30) prigunerija, li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma’ dan ir-reat, kif ukoll tikkundannah ihallas l-ispejjez tal-perizji f’din il-kawza li jammontaw ghal hames mija w tlieta w ghoxrin liri Maltin u hamsa w tmenin centezmu (LM 523.85), u tordna l-konfiska tal-arma w munizzjon esebiti.”

**4.** Permezz ta’ rikors ta’ appell presentat fil-15 ta’ Frar 2006, Victor Pace appella. Kif diga` nghad l-appell hu limitat ghall-verdett kwantu jikkoncerna l-ewwel kap[1], kif ukoll ghall-piena erogata. L-ewwel aggravju ta’ l-appellant hu, bazikament, fis-sens illi huwa nstab hati hazin fuq il-provi ghax hu mhux biss ma kellux jinstab hati ta’ tentattiv ta’ omicidju volontarju, izda anqas kellu *“…jinstab hati tar-reati komprizi f’din l-akkuza kif fil-fatt gara fil-verdett tal-gurija. Illi di fatti l-esponenti kellu jigi lliberat kompletament taht l-Ewwel Kap tal-Att ta’ Akkuza u dana minhabba f’bosta ragunijiet…”*. Ir-ragunijiet migjuba huma bazikament tnejn u jistghu jigu sintetizzati hekk:

a. Id-deposizzjoni jew deposizzjonijiet ta’ Christopher Zarb riferibbilment ghall-posizzjoni tieghu meta gie sparat it-tir fid-direzzjoni tal-balavostri ma humiex ta’ min joqghod fuqhom. Skond l-appellant, Zarb ma kien qatt wara l-balavostri, u possibilment anqas kien qatt fuq il-bejt, meta gie sparat it-tir, u ghalhekk anqas

[1] Fir-rigward tat-tieni kap jinghad fl-imsemmi rikors li din l-akkuza kienet giet ammessa fil-kors tal-guri.

huwa minnu dak li qal Zarb li, dak il-hin ta' l-isparatura, huwa kien qieghed mac-cint kwazi zaqqu tmiss mal-parti ta' fuq tal-balavostra (kif hemm registrat fil-verbal ta' l-access). Dejjem skond l-appellant, dan kollu jsib konfort f'dak li qalu l-esperti ballistici li *"…jsostnu b'certezza li t-tir tal-balavostra fil-maggor parti tieghu ghadda minn bejn il-balavostra. Illi l-esperti jsostnu li li kieku verament kien hemm xi hadd wara l-balavostra, kif jghid Zarb, zgur li kien jintlaqat u kienet issirlu hsara serja f'siequ. Inoltre fil-kontro-ezami tieghu il-Brig. Calleja jghid li karga bhal dik sparata ghandha 'speed' ta' 1200 feet per second. Dan ifisser li dak li qal Zarb li zgicca wara li sema' t-tir huwa impossibbli wkoll."*

b. Stabbilit li Zarb ma kienx fejn jghid li kien, isegwi necessarjament li allura l-isparatura ma setghet qatt iggib la l-mewt (u din giet eskluza mill-gurati) u anqas xi offiza ohra fuq il-persuna. Fi kliem iehor, l-appellant qed jikkampa d-difiza tal-impossibilita` assoluta li jitwettaq ir-reat li talvolta allegatament seta' kellu f'mohhu li jwettaq.

**5.** It-tieni aggravju, imbaghad, jirrigwarda l-piena. L-appellant jikkontendi bazikament li *"…l-piena nflitta ta' tletin xahar kienet wahda eccessiva ferm. Illi l-esponenti huwa missier ta' familja u ghadu qed irabbi tfal ta' eta` tenera. Illi l-fedina penali tieghu ma hijiex wahda refrattarja u hemm xi kontravvenzjonijiet li jirrisalu ghal zmien ilu. Illi inoltre jinghad li dan il-kaz kien inqala' fuq kwistjoni minhabba mara bejn il-familjari. Illi l-fatt li l-esponenti gie kkundannat piena karcerarja effettiva certament li ma huwiex ser jikkalma l-ilmijiet bejn dawn is-sett ta' familji. Illi mhux biss izda l-esponenti seta' nghata cans billi jinghata sentenza ta' habs sospiz stante li l-akkuzi li nstab hati dwarhom kollha jaqghu taht il-parametri li l-Qorti setghet tikkundanna sentenza ta' habs sospiz li certament hija aktar idoneja u xierqa fic-cirkostanzi u kif kien dan il-kaz."*

**6.** Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-atti kollha – kemm l-attijiet tal-istruttorja kif ukoll dawk tal-Qorti Kriminali, u senjatament il-verbal tal-access mizmum minn dik il-Qorti fil-presenza tal-gurati fl-24 ta' Jannar 2006, kif ukoll it-

traskrizzjonijiet tad-deposizzjonijiet moghtija fil-kors tal-guri li l-partijiet talbu li jsiru – u semghet ukoll b'attenzjoni s-sottomissjonijiet maghmula mill-abbili difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-22 ta' Gunju 2006. Huwa evidenti li fir-rigward ta' l-ewwel aggravju kollox idur mar-risposta ghal zewg mistoqsijiet, wahda pedissekwa ghall-ohra, u cioe` [1] fejn kien Chistopher Zarb fil-mument li gie sparat it-tir li eventwalment laqat il-faxx ta' taht il-balavostri tal-bejt – kif jidher tajjeb f'diversi ritratti fosthom CCV 116 u CCV 137 a fol. 256 u 261 rispettivament tal-attijiet tal-istruttorja ; u, f'kaz li kien fuq il-bejt, [2] jekk kienx f'posizzjoni fejn taht ebda cirkostanza ma seta' jintlaqat b'mod li jista' jinghad li kien hemm l-impossibilita` assoluta li jitwettaq ir-reat ta' tentattiv ta' offiza gravi fuq il-persuna. Il-qofol kollu ta' dana l-appell huwa, ghalhekk, jekk il-gurati, assumendo li gew indirizzati tajjeb mill-Onorevoli Mhallef li ppresjeda l-guri, setghux legalment u ragjonevolment jaslu ghall-verdett li waslu ghalih. L-appellant mhux jallega li kien hemm xi "misdirection" fuq xi punt ta' dritt, ghalkemm donnu jilmenta li xi mistoqsijiet ipotetici li l-ewwel Qorti ghamlet lill-esperti ballistici setghu zgwidaw lill-gurati fl-apprezzament taghhom tal-fatti.

**7.** Kif inhu risaput, din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul mill-gurati hlief jekk tkun tal-fehma li tali apprezzament kien manifestament zbaljat. Din il-Qorti ma tinvadix it-territorju li l-ligi tirrizerva ghall-gurati hlief meta l-verdett minnhom milhuq ikun tali li ebda gurija ma setghet legittimament jew ragjonevolment tasal ghalih – ara f'dan is-sens, fost hafna ohrajn, is-sentenza ta' din il-Qorti tat-22 ta' Settembru 2006 fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Antonio Falzon***.

**8.** Jibda biex jinghad li fir-rigward ta' kif gie sparat it-tir in kwistjoni (cioe` "tal-balavostri tal-bejt" – it-tiri l-ohrajn li gew sparati mhux qed jigi allegat li gew sparati biex iwegggħu lil xi hadd) hemm biss, bhala li raw il-fatt isehh, il-versjoni tal-appellant, moghtija minnu fl-istqarrija tieghu lill-pulizija, u l-versjoni ta' Christopher Zarb moghtija kemm fil-kors ta' l-istruttorja kif ukoll waqt il-guri. Il-versjoni moghtija mill-appellant dwar l-isparaturi in generali tikkontrasta serjament ma' kif l-esperti ballistici

jirrikostruwixxu *ex post facto* dak li gara. In fatti l-appellant, mistoqsi mill-pulizija dwar l-isparaturi, wiegeb hekk u hekk biss:

**"M. Jekk nghidlek li l-bierah inti mort Triq il-Lampara, Bahar ic-Caghaq bit-Toyota Corolla tieghek CAB 316 ta' kulur abjad u inzilt u sparajt erba' tiri – wiehed lejn Chris li kien fuq il-bejt tad-dar tieghu u tlieta fuq il-faccata, xi tghid?**

**"T. Le, jien ma sparajtx ghad-direzzjoni tieghu, imma tajt tir fl-arja u jien u ndawwar is-senter, ilqatt il-grillu u hadli tir iehor. Jien mhux erba' tiri sparajt."**

**9.** L-esperti ballistici[2], invece, ikkonkludew mit-tracci li sabu fuq il-post tad-delitt li gew sparati mill-anqas erba' tiri ta' senter tal-kacca, proprju n-numru kif dejjem sostna Christopher Zarb[3]. Anqas jista' jkun hemm dubbju li fil-mument li gie sparat l-ewwel tir Zarb kien x'imkien fuq il-bejt. Dan jikkonfermawh Diane Zarb[4], Aaron Ghigo[5], Violet Ghigo[6] u Aaron Zarb[7]. Il-versjoni ta' x'gara fir-rigward ta' l-ewwel sparatura (tal-balavostri tal-bejt) moghtija minn Christopher Zarb dejjem kienet wahda sostanzjalment konsistenti, sia meta dan xehed fl-istruttorja u sia meta ddepona fil-kors tal-guri. Bazikament huwa jghid li resaq lejn il-balavostri tal-bejt, ra lil Pace bis-senter jipponta lejh, kien hemm l-isparatura u Zarb harab jigri.

**"Smajt karozza tieqaf, tlajt nigri u kif wasalt mac-cint tal-bejt rajt lill-imputat jipponta s-senter 'il fuq. Qalli 'hudhom ha go fik'. X'hin spara jien hrabt nigri 'l gewwa minn fuq il-bejt. Sakemm inzilt smajt tliet tiri ohra."[8]**

---

[2] Ara r-relazzjoni tal-Brigadier Maurice Calleja u ta' P.C. 560 Joseph Farrugia, a fol. 69 *et seq.* tal-attijiet ta' l-istruttorja.
[3] Ara fol. 40 tal-attijiet tal-istruttorja.
[4] Ara fol. 49 tal-attijiet tal-istruttorja.
[5] Ara fol. 295 tal-attijiet tal-istruttorja.
[6] Ara fol. 298 tal-attijiet tal-istruttorja.
[7] Ara fol. 309 tal-attijiet tal-istruttorja.
[8] Ara fol. 40 tal-attijiet tal-istruttorja.

Fid-deposizzjoni tieghu tat-23 ta' Jannar 2006, Zarb iddeskriva hekk l-incident (dejjem riferibbilment ghall-isparatura tal-balavostri tal-bejt):

**"F'hin minnhom kont fil-gnien, nisma' karozza tieqaf bis-salt u tlajt nigri jien. Kif wasalt mac-cint ezatt jien nara lil Victor ghandu s-senter f'idu, ghollih fi x'hin rani fuq lili, jien kont qieghed ma' l-opramorta dak il-hin, ghollieh, qalli 'ha hudhom go fik', u sparali, u x'hin spara jien kont ghadni ma' l-opramorta. Jien x'hin dak hrabt nigri 'l gewwa. X'hin hrabt nigri 'l gewwa l-balavostra taret bic-comb, il-gebel tal-balavostra hassejtu ma sieqi. Sakemm inzilt isfel spara tliet tiri ohra…"**[9]

U in kontro-ezami:

**"Xhud: …Umbaghad mort b'girja, wasalt ma' l-opramorta, nara lil Victor qed johrog is-senter minn gol-luggage, x'hin rani fuq il-bejt mac-cint ghollieh, qalli 'hudhom ha go fik', u gibed l-ewwel tir ghal fuqi. X'hin spara t-tir jiena kien ghadni ma' l-opramorta, <u>ma nafx kif hrabt nigri 'l gewwa</u>.**

**….**

**"Difiza: Jigifieri inti rajtu johrog is-senter mill-luggage booth ukoll?**

**"Xhud: Iva, rajtu bis-senter hiereg minn gol-luggage booth hekk, u ghollieh ghal fuqi, u qalli 'ha hudhom go fik', u gibiduli, u hrabt nigri 'l gewwa u l-gebel tal-balavostra hassejthom mill-parti tieghi 'l isfel…"**

**…**

**"Difiza: Jigifieri inti sakemm smajt it-tir inti kont ghadek ma' l-opramorta?**

**"Xhud: X'hin smajt it-tir jiena kont ghadni ma' l-opramorta u x'hin dak dort nigri mill-ewwel 'il gewwa. <u>Dana fractions kien hemm ta</u>."**[10] (sottolinear ta' din il-Qorti).

---

[9] Tape 4, side A, p. 3.
[10] Tape 3, side B, p. 3. Ara wkoll p. 4

**10.** It-tezi kollha tal-appellant hija bbazata fuq l-argument li jekk Zarb kien mal-balavostri meta gie sparat it-tir, tenut kont tal-velocita` tat-tir u tal-fatt li l-esperti ballistici kienu tal-parir li c-comb li ma laqatx il-faxxa ta' taht il-balavostri seta' ghadda minn bejn il-balavostri[11], Zarb ma kienx ikollu l-opportunita` li jindjetreggja ossia jizgicca kif qal li ghamel, izda kien jintlaqat. Galadarba hu ma ntlaqatx, allura, skond l-appellant, Zarb mhux veru kien mal-balavostri u allura kien f'posizzjoni fejn ma seta' qatt jintlaqat. Issa, apparti li hawnhekk wiehed ma jistax proprjament jitkellem dwar l-inidoneita` assoluta tal-mezz adoperat jew l-inidoneita` assoluta tal-azzjoni, l-appellant evidentement qed jippretendi li d-dinamika tal-incident tista' tigi rikostruwita *ex post facto* b'tali mod li wiehed ikun jista' bi precizjoni assoluta jirrintraccja t-trajjettorja ta' kull comba[12] li harget mis-senter. Wiehed irid izomm f'mohhu – u jidher li l-gurati, bl-esperjenza kollettiva taghhom, hekk ghamlu wkoll – li hawn si tratta ta' sekwenza ta' movimenti li tiehu ftit sekondi jekk mhux addirittura frazzjoni ta' sekonda, kif qal ix-xhud Zarb, u li spostament ta' persuna fi kwalsiasi direzzjoni f'dik il-frazzjoni kif ukoll spostament minimu ta' kif tkun ippuntata l-arma tista' taghmel id-differenza kollha bejn li persuna tintlaqat jew ma tintlaqatx. Huwa minnu li, mistoqsija mill-Imhallef li kien qed jippresjedi l-guri, l-esperti ballistici fissru li d-daqqa jew titjira tal-gebel fil-faxx taht il-balavostri kienet, fil-fehma taghhom tirrapresenta nofs it-tir (ossia nofs il-koncentrazzjoni tac-comb) u n-nofs l-iehor huma jassumu li ghadda minn bejn il-balavostri[13]. Pero` l-istess periti qatt ma qalu, kif donnu qed jippretendi <u>issa</u> l-appellant[14], b'mod kategoriku li <u>bilfors</u> wiehed irid jintlaqat jekk ikun x'imkien wara l-balavostri:

---

[11] "…dak [fejn intlaqat il-faxx ta' taht il-balavostri] nofs it-tir, in-nofs l-iehor ikun ghadda minn bejn il-balavostri <u>nassumi jien</u>." – Tape 5, side B, page 6, sottolinear ta' din il-Qorti.

[12] Xi ghoxrin comba f'dan il-kaz peress li l-iskratacc sparati kienu jikkontjenu comb ohxon – ara Tape 5, side B, p. 4 u p. 8.

[13] "…dak nofs it-tir, in-nofs l-iehor ikun ghadda minn bejn il-balavostri nassumi jien." – Tape 5, side B p. 6. Ara wkoll Tape 6, side B, p 6

[14] Jinghad "issa", ghax anqas l-abbili difensur ta' l-appellant ma eziga xi certezza, kif jidher mill-mistoqsija hawn taht riprodotta.

**"Xhud: Jien nahseb, jien nahseb li l-kumplament tat-tir ghadda minn bejn iz-zewg balavostri, il-kumplament jew hekk jidher hawnhekk.**
**"Difiza: Jigifieri kieku kien hemm xi hadd wara dik il-balavostra, x'konsegwenzi kien isofri?**
**"Xhud: Nahseb kien jintlaqat fil-parti t'isfel ta' saqajh, f'irkubtejh nahseb kien jintlaqat, jekk kien hemm xi hadd wara l-balavostri.**
**"Difiza: Jigifieri <u>sal-grad tal-probabbli</u>, kieku kien hemm verament xi hadd hemm wara, kien jitlaqat jew le bic-comb?**
**"Xhud: Mhux neccessarjament, jekk kien qieghed ihares hekk, per ezempju, <u>forsi</u> jintlaqat, imma jekk kien lura ma jintlaqatx…"**
**…**
**"Difiza: Jigifieri biex ma jintlaqatx kemm tikkalkola li jrid ikun lura?**
**"Xhud: U <u>forsi</u> jrid ikun metru lura."[15]** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Fil-kors ta' l-access mizmum fil-kors tal-guri, l-esperti ballistici regghu xehdu hekk:

**"Qed nigi muri[16] l-hsara li hemm fil-balavostri[17] mil-livell tat-triq u nghid illi jekk ikun hemm bniedem 'l gewwa ezatt mill-balavostri u jigi sparat it-tir li kkaguna dik il-hsara <u>suppost</u> li jintlaqat fil-parti t'isfel ta' gismu pero` jekk ikun aktar irtirat lura, nghidu ahna xi metru, <u>jista'</u> fl-opinjoni tieghi ma jintlaqatx.**
**"Mistoqsi jekk bniedem li jkun qieghed minn qaddu 'l fuq mill-balavostri u tkun trid tolqtu, hemmx xi diffikulta` jew le, nghid illi le, <u>jekk dak li jkun jimmira kif ghandu jimmira</u>.**
**"Mistoqsi mill-prosekutur jekk il-bniedem setax jizgicca bejn it-tir u l-laqta mal-hajt, jiena nghid illi bniedem jekk jara senter ser jigi ppuntat lejh, jista' jkollu l-hin materjali biex jizgicca imma bejn il-hin tal-ghafsa tal-grillu u sakemm jasal it-tir hdejh ma jkollux**

[15] Tape 6, side B, p.3. Ara wkoll Tape 6, side B, pp. 5-6.
[16] Ghalkemm il-periti kienu tnejn, jidher li, kif normalment isir, wiehed biss minnhom jitkellem u l-perit l-iehor hu presunt liu jkun qed jaqbel kemm-il darba ma jintervjenix.
[17] Kjarament referenza ghall-faxx ta' taht il-balavostri.

**hin jizgicca u kien possibbli li l-vittma destinata jizgicca billi rtira ftit lura anke xi metru minhabba l-angolu tat-trajjettorja tat-tir.**[18]

**11.** Din il-Qorti ma tara xejn inverosimili fid-dinamika kif deskritta minn Zarb. Il-gurati, a bazi tal-provi li kellhom quddiemhom, inkluzi dawk hawn fuq riprodotti, setghu legittimament u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li Zarb kien f'posizzjoni fejn seta' jintlaqat mill-appellant u li t-tir gie sparat proprju biex jolqtu. Il-fatt li huwa ma ntlaqatx – hlief bid-*debris* – huwa proprju l-element fortuwitu, il-haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tal-agent, li jikkaratterizza t-tentattiv. Ghalhekk dana l-ewwel aggravju qed jigi respint.

**12.** Kwantu ghat-tieni aggravju, din il-Qorti ftit li xejn ghandha xi tghid. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, anke fuq l-iskorta ta' sentenzi ta' din il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, sija meta komposta kolleggjalment u sija meta komposta minn Imhallef wiehed, fejn si tratta ta' vjolenza r-regola ghandha tkun li r-reat igib mieghu piena karcerarja b'effett immedjat. F'dan il-kaz, l-appellant mhux biss uza vjolenza izda wkoll arma letali, arma li kien igorr mieghu apparentement b'impunita` u bi ksur tal-ligi. Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali huma fid-dover li jipprotegu lis-socjeta` u dan ghandhom jaghmluh b'fermezza fil-parametri tal-ligi. Fic-cirkostanzi piena karcerarja ghal zmien ta' tletin (30) xahar ma tistax titqies bhala wahda eccessiva. Minbarra dan, sentenza ta' prigunerija sospiza f'kaz bhal dak in dizamina tkun ghal kollox kontro-indikata.

**13.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

[18] Pagni 4 u 5 tal-verbal ta' l-access.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------